

# Nicolò Isouard



**Joseph Vella Bondin**

## Żgħożija

Fost il-ħafna tagħrif żbaljat li nkitbet dwar Isouard, dik li l-aktar għadha tidher hi d-data li fiha twieled. Sa ftit ilu dik ġeneralment aċċettata kienet is-6 ta' Diċembru, 1775. Iżda m'hemm l-ebda twelid fil-familja Isouard reġistrat f'dil-ġurnata fl-arkivji parrokkjali tal-belt Valletta fejn il-familja kienet tgħix. Iżda r-reġistri tal-Parroċċa ta' Porto Salvo juru li fis-17 ta' Mejju, 1773, il-familja Isouard għammdet tifel, it-tieni mill-14 il-wild li kellhom, imwieled il-jum ta' qabel u li ġie mogħti l-ismijiet ta' Ġwanni Ġwakkin Edwardu Nikol. Kienet użanza normali fis-seklu tmintax li l-isem magħżul għal tarbija jkun l-aħħar wieħed mogħti fil-magħmudija, f'dan il-każ Nicolò.

Għalhekk id-data li tidher l-aktar waħda fidabbli u li għalhekk għandha tiġi aċċettata bħala dik tat-twelid ta' Nicolò Isouard hi s-16 ta' Mejju, 1773.

L-aktar fattur kritiku fil-ħajja bikrija ta' Isouard kien il-patrunat li l-familja Isouard dejjem gawdiet mill-Ordni ta' San Ġwann, partikolarment mill-Granmastru de Rohan. Ħafna fatturi kkontribwew għal dan. Il-familja kienet tappartjeni lill-klassi tan-nofs, klassi li kienet għamlet lilha nfisha kważi indispensabbli għall-Ordni. Imbagħad missier Nicolò, Fortunato, negozjant u għal xi żmien



*Nicolò Isouard*

segretarju tal-*massa frumentaria*, kien stmat ħafna mill-Ordni.

Fuq kollox Fortunato u Nicolò kienu mażuni. Issa l-mażunerija f'Malta kienet immexxija l-aktar mill-kavallieri Franċizi. li ħafna minnhom ħadmu bil-kbir favur Napuljun Bonaparte u r-Revoluzzjoni Fanċiża.

Isouard kellu wkoll karattru li jiġbdek. Kien intelliġenti, b'moħħ inġenjuż u aġili. Dawn l-attributi żidulu l-vantaġġi li kellu bħala persuna benvista mill-Ordni. Iżda servew ukoll ta' żvantaġġ. Għax minħabba li kollox beda jsir faċli għalih, fil-karattru tiegħu ma trabbitx dik il-fibra ta' determinazzjoni li kienet tkun tista' tgħinu jirbaħ sitwazzjonijiet diffiċli.

Sa minn tfulitu, Isouard kien pjanista u organista mill-aqwa u studja l-kompożizzjoni u l-kontrapunt ma' Michel'Angelo Vella u Francesco Azzopardi.

## L-Ewwel kompożizzjonijiet

Fit-Teatru Manoel fl-istaġun tal-karnival tal-1793, ittella' *intermezzo* tiegħu f'xena unika: *Casaciello perseguitato da un mago*, l-ewwel kompożizzjoni tiegħu li nafu biha. Dak iż-żmien kellu biss dsatax-il sena. Dik il-ħabta, Isouard raġa' siefer. L-ewwel mar Palermo fejn kompla jistudja l-mużika ma' Giuseppe Amendola u aktar tard Napli fejn kompliha ma' Nicola Sala u Pietro Alessandro Gugliemi, żewġ kompożituri tal-opra magħrufa.

Ir-riżultati ta' dawn l-istudji malajr dehru. L-ewwel opra tiegħu, *L'avviso ai maritati*, kummiedja f'żewġ atti, dehret fir-rebbiegħa tal-1794 f'Firenze. Tant sfat popolari li aktar tard dehret ukoll f'Turin, Dresden, Madrid u l-Portugall. F'April tal-1794 kien Livorno biex jikkomponi opra oħra, *Artaserse*, fuq kummissjoni tas-sopran kastrat Senesino. Din l-opra serja fi tliet atti, dehret fl-istaġun tal-ħarifa f'Livorno u għalkemm marret tajjeb ma kellhiex is-suċċess ta' qabilha.

Diġà jgawdi fama eċċellenti fil-mużika, Isouard irritorna Malta u talba li għamel lill-Granmastru de Rohan biex jaħtru s-suċċessur futur tal-*maestro di cappella* attwali tal-Knisja ta' San Ġwann, Melchior Sammartino, intlaqgħet fit-22 ta' Novembru 1794. Iżda Isouard ma kienx destinat li dil-kariga jimlieha għax meta l-Ordni tkeċċa minn Malta f'Ġunju 1798, Melchior Sammartino kien għadu *maestro di cappella*. Iżda għallanqas organista rnexxielu jilħaq. Għax meta l-organista Vincenzo Anfossi miet fil-5 ta' Jannar, 1796, minfloku leħaq hu.

Bejn l-aħħar tal-1794, wara li ġie lura mill-Italja, u Ġunju tal-1798, Isouard ikkompona l-mużika sagra kollha li qatt kiteb, kollha miktuba biex tinstema' fil-Knisja ta' San Ġwann. Barra l-mużika sagra, kiteb għadd ta' kantati l-aktar f'ġieħ il-Granmastru De Rohan, seba' opri għat-Teatru Manoel, kif ukoll ħafna *musica da camera*.



*Bust ta' Nicolò Isouard ma' L'Opera de Paris*

## Pariġi



It-Teatru tal-Opra 'Garnier' ta' Pariġi

Isouard sab il-beneficċji tal-ħbiberija li kellu mal-kavallieri Franċiżi meta l-Ordni ta' San Ġwann tkeċċa minn Malta f'Ġunju 1798 u postu ħaduh il-Franċiżi. Fid-19 ta' Settembru, il-ġeneral Vaubois, kmandant tal-forzi Franċiżi f'Malta, laħħqu Kummissarju tat-Teatru Manoel, nomina importanti ħafna ladarba l-ġeneral kien iqis l-operat tajjeb tat-teatru kruċjali għall-moral tat-truppi Franċiżi li ma kellhom l-ebda sfog ieħor.

Iżda s-sitwazzjoni politika ħżienet. Sal-aħħar xhur tal-istess sena, il-Franċiżi diġà kienu mblukkati fil-belt Valletta. Fid-diffikultajiet dejjem jiżdiedu, fil-ġuħ klubi li beda jaħkem, fil-mard u l-epidemiji li bdew jinfirxu, it-teatru kellu jagħlaq. Imma l-mużika ma siktitx għal kollox u fid-29 ta' Lulju, 1800, kmieni wara nofsinhar, Vaubois u xi ħbieb marru l-knisja ta' San Ġwann biex jisimgħu lil Isouard idoqq iż-żewġ orgnijiet t'hemmhekk. Dik kienet forsi l-aħħar darba li Isouard għamel il-mużika f'dik l-knisja tal-Ordni.

Għax ftit aktar minn xahar wara, fil-5 ta' Settembru 1800, Vaubois ffirma l-artikli ta' kapitulazzjoni. Artiklu disgħa, fost dettalji oħra, kien jgħid: "Il-Franċiżi f'Malta, u l-Maltin kollha li jridu, ikollhom il-permess imorru Franza u jkunu jistgħu jieħdu magħhom il-propjetà kollha tagħhom."



Firma ta' Nicolò Isouard

Isouard kien wieħed minn dawk li mar u ħa miegħu l-kompożizzjonijiet mużikali li kien kiteb sa dak inhar. Kien preparat sewwa għall-ħajja f'Pariġi. Meta kien tifel, għal aktar minn tliet snin, hemmhekk kien studja, il-lingwa kien jafha sewwa, f'Malta mal-kavallieri Franċiżi kien jagħmilha, fil-mażunerija fil-loġġa tagħhom kien miktub. U probabbilment qabel ma telaq Malta kien diġà jaf ukoll li f'Pariġi kien se jsib it-tapit mifrux biex jilqgħu. Kif rifes Pariġi mill-ewwel sab l-appoġġ, il-ħbiberija u l-koperazzjoni tal-kompożitur stabbilit Kreutzer u tal-librettisti kapaċi Hoffman u Étienne.

Iżda fil-bidu l-kollaborazzjoni ma' Kreutzer ma marritx tant tajjeb. L-*opera seria* li kitbu flimkien, *Flaminus à Corinthe*, ma kinitx suċċess. Imbagħad Isouard dar lejn żewġ opri komiċi li kienu saru fit-Teatru Manoel, *L'improvisata in campagna* u *Il bottaio* u rranġahom għal Pariġi bħala *opéras-comiques*. It-tnejn kisbu suċċess kbir. Bihom, Isouard sab il-forma ta' opra l-aktar adattata għat-talenti li kellu.

*Opéra-comique* hi forma ta' opra franċiża li tinkludi djalogu mitkellem. It-tip ta' *opéra comique* li Isouard ħaddem kienet dik ħafifa u komika b'testi bbażati fuq intrigi divertenti u sitwazzjonijiet farseski b'mużika sempliċi, melodjuża u ta' appell immedjat. F'perjodu ta' anqas minn ħmistax-il sena ikkompona tletin minnhom li għamluh popolari fl-Ewropa kollha. Iżda, minħabba ċ-ċirkostanzi favorevoli li sab ruħu fihom, mhux dejjem offrew lill-pubbliku l-aħjar li seta' joffri.

## L-Aħħar Snin


Nicolò Isouard

Għall-biċċa l-kbira tas-snin tiegħu f'Pariġi, Isouard ma kellu l-ebda kompetizzjoni sinifikanti fil-kitba ta' dan it-tip ta' opri tant maħbuba mill-Franċiżi. Kien biss meta Adrien Boieldieu mar lura Pariġi f'April tal-1811 wara tminn snin jaħdem fir-Russja, li sab li kellu kompetitur ta' kapaċità mill-anqas daqs tiegħu.  U kien issa li Isouard ikkompona l-aqwa xogħol tiegħu, speċjalment iż-żewġ opri li dehru fl-1814, *Joconde* u *Jeannot et Colin*, meqjusa l-kapulavuri tiegħu. Ir-rivalità bejn it-tnejn kompliet tikber għax minkejja s-suċċess ta' *Joconde* u *Jeannot et Colin*, kien Boieldieu li beda jirċievi unur wara unur.

Imbagħad, fit-18 ta' Ottubru, 1817, miet il-kompożitur Méhul u tbattal il-post tiegħu fl-*Académie de France*. Isouard u Boieldieu t-tnejn applikaw biex jimlew il-post battal. F'Novembru, il-ġieħ ingħata lil Boieldieu.

Isouard ħass li n-nomina kien imissu ħadha hu u mhux Boieldieu. Għal karattru x'aktarx dgħajjef u libertin li kellu, karattru li fih il-fibra meħtieġa qatt ma kellha l-opportunità tittrawwem għax dejjem sab kollox faċli, ir-risposta tiegħu kienet il-waħda mistennija. Intefa' b'ruħu u ġismu għax-xorb u x-xalar. Dawn malajr wasslu għal mewt bikrija tiegħu li ġrat fit-23 ta' Marzu, 1818, fl-età ta' 44 sena.

Iżda xejn m'għandu jnessina l-merti kbar ta' Isouard. Ismu kien magħruf mal-Ewropa kollha. L-opri tiegħu damu għal żmien twil fir-repertorju u għadhom ukoll kultant jitfaċċaw f'xi teatru. Kellu ħila tal-għaġeb biex jikteb arji b'melodija li ssaħħar, mużika teatrali effettiva u kien jeċċella f'dik *ensemble*. Jista' jkun li dawn id-dispożizzjonijiet influwenzaw ukoll lil Rossini li fih jispikkaw kwalitajiet simili; wara kollox iċ-*Cenerentola* tiegħu hi mibnija fuq il-librett *Cendrillon* li Étienne kiteb għal Isouard.

L-ammirazzjoni li Rossini kellu għal Isouard jidher li wrieha wkoll f'diversi modi. Per eżempju fi żmienhom, kienet drawwa li kompożitur jonora lil u jirrikonoxxi l-importanza ta' kompożitur ieħor billi jinkorpora xi ideat mużikali meħuda minn xogħlijiet tiegħu f'kompożizzjonijiet li jkun qed jikteb. Kif wera tajjeb Mro. Joseph Vella, l-arja *La Calunnia* mill-opra Rossinjana *Il barbiere di Siviglia* (1816) fiha temi li jispikkaw fl-arja famuża *Ah! Quel plaisir* li titkanta mill-baritonu fl-opra ta' Isouard *L'intrigue aux fenêtres* (1805). Bint Isouard Anne Nicolette, magħrufa bħala Ninette Nicolò (1814-76) u kompożitriċi rispettata, indikat dan il-fatt meta ippubblikat ix-xogħol tagħha *La plainte, op. 14, pour piano għal Giacomo Rossini, ħabib u ammiratur ta' missierha* kif ukoll iddedikat dan ix-xogħol lil Olympe Pelissier, it-tieni mara ta' Rossini.

Isouard indifen fiċ-ċimiterju Père Lachaise ta' Pariġi. Hemmhekk jindifnu biss l-aqwa personaġġi artistiċi mid-dinja kollha li għexu u mietu fi Franza. Il-Malti Nicolò Isouard kien wieħed minnhom.

**Nota:**

Artiklu mibni fuq tagħrif fiż-żewġ kotba tal-awtur: *Il-Mużika ta' Malta sal-Aħħar tas-Seklu Tmintax* u *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* (PIN Sensiela Kulturali, 2000.)